*Avviżi*
*Il-Ħadd 22 ta' Jannar 2012*

1. Dan il-weekend se jsir bazaar fiċ-Ċentru Parrokkjali.

2. It-Tnejn fl-4.30pm issir il-festa ta' San Ġwann Bosco Patrun taċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-4.30pm issir Quddiesa animata mit-tfal.

3. Din il-Ġimgħa jkompli t-tberik. Imiss dawn it-toroq:

   ***it-Tlieta 31: Triq San Lawrenz, Triq Santa Filomena***

   It-tberik jibda fl-4.30pm.

4. L-Erbgħa fis-6.30pm fid-Dar Parrokkjali jiltaqa' il-Grupp tal-Kelma ta' Alla.

5. Il-Ħamis hija l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. Fil-Quddiesa tas-6.00pm jitbierku x-xema' u jiġu ppreżentati it-tfal li din is-sena se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

6. Il-Ħadd li ġej fl-4.30pm ssir Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

7. L-Ghaqda Maltija ghat-Trasport tal-Morda f'Lourdes fl'okkażjoni tal-ewwel dehra tal-Madonna U l-Jum Mondjali dedikat lill-mordatistieden lill-Morda kollha u lill-familjari taghhomGhall-quddiesa koncelebrata u mmexxija minnMonsinjur Arcisqof Pawlu Cremona O.P. Nhar is-Sibt 11 ta` Frar 2012 fis-6.30 p.m.Fis-Santwarju ta` Santa TerezaBirkirkara.

8. Il-Ħadd12 ta' Frar fis-6.00pm l-Arċisqof se jmexxi Quddiesa għall-għarajjes fil-Konkattidral ta' San Ġwann.

9. Din il-ġimgħa jitqassam il-fuljett Flimkien. L-Editorjal jissuggerixxi biex dejjem infittxu dak li hu pożittiv f'kull cirkostanza. Jehtieg ukoll nitolbu mahfra 'l Alla ghal kemm-il darba ggudikajna lill-ohrajn, u ghal kemm-l opportunità tlifna biex naghmlu l-gid. Mons. Arcisqof jikteb li l-hatra ta' Patri Prospero Grech, OSA, bhala Kardinal turi l-gratitudni tal-Knisja Universali lejn il-Maltin li taw, u ghadhom jaghtu, kontribut kbir fl-operat tal-Knisja Kattolika f'diversi postijiet tad-dinja. Hemm ukoll artikli interessanti hafna dwar kif inharsu lejn il-minoranzi fis-socjetà taghna, dwar il-problemi tal-koppji miżżewgin, u dwar nies li m'ghandhomx stima taghhom innifishom.

10. Man-noticeboard tan-naħa tad-Duluri hemm ritratti tal-Kunċert tal-Milied. Min jixtieq jordna jara liema numri u jkellimni. Jiswew €2 il-wieħed.